IT-TIENI KTIEB TAL-WIEHED U TLETIN SENA — ĠUNJU 1955

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

L-EDITUR—Proża u Poeżija fil-Letteratura Maltija ... faċċ. 33
SEGRETARJU—Rapport Amministrativ għas-Sena 1954 ... ,, 36
J. M. MANARA—*Mituli Huti* ... ,, 39
GEORGE STEVENS—Dlam ... ,, 40
GEORGE ZAMMIT, B.A., LL.D.—*Il-Qalb* ... ,, 41
Statut tal-Għaqda—Tibdil u Żidiet ... ,, 42
ĠUŻE' GATT—In-Nies tas-Snajja' fl-Ewwel Snin ta' l-Ingliżi ... ,, 44
V. M. PELLEGRINI, LL.D.—Santu Wistin bhala Kittieb ... ,, 49
C. CASSAR, M.D.—*L-Arloġġ* ... ,, 52
Ġ. ABELA—Malapropismi fil-Malti ... ,, 53
NIKOL BIANCARDI—*Addio, Manwel* ... ... ,, 55
E. AGIUS, D.P.H., D.Bact.—*Hsibijiet* ... ,, 56
Reċensjonijiet ... ,, 58

DIRETTUR: Dr. Gużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: Ant. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldesca, Paula.

AMMINISTRATUR: Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ĠUNJU 1955

# *Proza u Poezija fil-Letteratura Maltija*

*HIJA ħaġa li l-lum tidher wisq iżjed milli fil-bidu tas-seklu li għadda, jiġifieri minn mindu bdiet tidher 'l hawn u 'l hinn l-istampa ta' xi kitba bil-Malti, illi fil-letteratura Maltija għandna fil-qofol wisq iżjed materjal tajjeb ta' poeżija milli ta' proża: għalkemm fil-bidu l-proża sebqet il-poeżija. Maż-żmien rajna wkoll illi l-poeżija ġie li għalbet il-kotra ta' materjal letterarju.*

*Din ix-xejra, iżda, ta' għana u tjubija poetika fil-letteratura tagħna dehret u faret f'daqqa mal-qawmien tal-Malti, l-ewwelnett fost il-kittieba xjuħ u mbagħad f'dan l-aħħar perijodu ta' tletin sena fost il-kittieba żgħażagħ b'riħet il-ħeġġa ta' xi studenti universitarji li fl-1926, għall-ewwel darba, kienu talbu lill-"Għaqda" biex joħorġu Numru ta' "Il-Malti" b'kontribuzzjonijiet biss mill-pinna żagħżugħa tagħhom—u din il-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Numru speċjali miktub minnhom kienet l-ewwel mixtla li wara ftit snin tat l-isbaħ ward mill-ġnejna tal-Kitba Maltija, b'mod li wara sew sew ħames snin (1931) minn dan il-moviment twieldet il-"Għaqda tal-Malti (Università)" bl-organu tagħha "Leħen il-Malti", imwaqqaf miż-żewġ studenti, Rużar Briffa u Ġużè Bonnici.*

*Minn l-ewwel żminijiet tal-kitba Maltija sad-data tat-twaqqif ta' din il-Għaqda, il-proża Maltija baqgħet lura, kif insibuha l-lum, bla ma laħqet mal-passi tal-poeżija. Il-kittieba żgħażagħ iktar infexxu biex imexxu l-pinna fuq l-immaġinazzjoni milli fuq il-filosofija tal-moħħ, iżjed fuq it-taħbit tal-qalb milli fuq il-ħsieb rifessiv tal-moħħ, jiġifieri iżjed fuq il-kitba poetika milli fuq il-prożajka. Tarġa' l-frott tal-kitba poetika tagħhom kien u għadu wisq iżjed bnin minn dak tal-proża.*

*Jekk nagħtu daqqa ta' għajn lura lejn iż-żminijiet ta' qabel naraw li sew il-kittieba xjuħ kemm ukoll il-kittieba żgħażagħ tal-lum għandhom warajhom kwadru sinottiku ta' l-istorja ċkejkna tal-letteratura Maltija li turi sa miż-żernieq tagħha l-medda ċkej-*

*kna ta' passi li mxiet il-proża Maltija f'perijodu ta' dwar disgħin sena, jiġifieri minn De Soldanis sakemm għall-ewwel darba deher xi ktieb tal-Qari Malti għat-Tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern. Qabel id-dħul ta' xi kotba tal-Qari Malti fl-Iskejjel ma niltaqgħux ħlief ma' tagħmira wisq żgħira tal-letteratura Maltija: xi manuskritti ta' prietki bil-Malti, Katekiżmu ta' Wiżżino (1752), xi djalogi ta' De Soldanis, traduzzjoni ta' Vanġelji ta' Cannolo u Vassalli, Storja tas-Sultan Ċiru (traduzzjoni ta' Vassalli), Stedina fuq il-ħtieġa tat-Tagħlim ta' Kitba Maltija ta' Vassalli u xi ktejjeb tal-Qari ta' Francis Vella. Mill-Libertà ta' l-Istamp 'l hawn nibtet il-proża ġurnalistika li sakemm ħareġ is-*"Sebħ" *tax-*Xirka Xemïa *ma nistgħux ingħidu li għandha tingħadd bħala fergħa ta' kitba letterarja Maltija, kif ukoll ma jistgħux jingħaddu bħala eżempji ta' proża serja dawk ir-romanzi u rakkonti, il-biċċa l-kbira traduzzjonijiet, (neħħi dawk ta' Ġ. Muscat Azzopardi, u xi waħdiet oħra) li f'għeluq is-seklu li għadda bdew jinkitbu minn dilettanti għall-qligħ tal-flus. Kienet ix-*Xirka Xemïa *li bdiet tagħti lill-proża Maltija x-xejra letterarja bil-kitba ta' Preca, Ġan Anton Vassallo, Napuljun Tagliaferro, Bellanti, Testaferrata u xi oħrajn. Minn dik l-epoka aħna u nqallbu fl-elenku tal-kitba Maltija bdejna niltaqgħu ma' xi bċejjeċ ta' proża tajba: storika, didattika, narrativa, reliġjuża minn kittieba ta' l-iskola li mill-pinna tagħhom il-poplu beda jixrob u jtiegħem il-fejda u t-tjubija tal-Malti letterarju. Waħda mill-isbaħ ġabra ta' proża tajba li għamlet il-ġid fil-moħħ u l-qalb tal-ġenerazzjoni Maltija ta' dak iż-żmien kif ukoll tal-lum, hija dik is-sensiela ta' kotba bl-isem ta'* Mogħdija taż-Żmien *ta' Fonzu Marija Galea. Ir-rumanzi ta' A. E. Caruana u ta' Ġużè Muscat Azzopardi fetħu t-triq għall-proża romanzeska. Din ix-xorta ta' kitba prożajka, li fl-aħħar perijodu ta' tletin sena ta' ħajja letterarja Maltija kotrot bir-romanzi, rakkonti, stejjer u novelli li nkitbu minn kittieba xjuħ u żagħżagħ, kompliet dejjem tgħammar il-ħażna ta' materjal prożajk Malti, iżda b'dana kollu, għad ma nistgħux ingħidu illi l-proża Maltija laħqet fil-valur letterarju lil dik tal-poeżija.*

*Il-lsien Malti, għandna niftakru, ma bediex bħal ilsna oħra, bil-kitba ta' proża jew poeżija, iżda bl-istudji fuq in-nisel, il-morfoloġija u l-lessiku tiegħu. Kien Vassalli li fetaħ it-triq tat-tagħlim skolastiku tal-Malti.*

*Il-poeżija, qabel il-proża, jidher li ħajret lil xi wħud. fosthom lil Bonamico u De Soldanis stess biex isemmgħu l-ħlewwa tal-Malti b'ritmu kemm xejn klassiku (1672-75), maqtugħ minn dak il-għana bikri tal-għannejja tat-triq li tiegħu fadlilna xi ħjiel fuq dak li ħallielna miktub għall-ewwel darba G. Navarro (1791) u G. Percy Badger (1838). Il-proża, għalhekk, kellha bir-raġun kollu ddum xi ftit iżjed mill-poeżija ma ttalla' rixha u tiżżejjen b'libsa li jixirqilha u li taqbel, maż-żminijiet u progress ta' ilsna oħra, b'letteratura wisq iżjed qadima minn tal-lum.*

*Insibu wkoll illi l-proża tagħna għadha nieqsa minn xi argumenti li fihom il-prożaturi tagħna għadhom ma rawmux il-pinna tagħhom u dawn huma: argumenti awtobijografiċi, didattiċi, epistolari, dissertatorji, ecc. Fost il-proża narrativa u romanzeska jonqos iktarx l-element psikoloġiku, soċjali, fil-waqt li fil-proża drammatika l-istil klassiku f'argumenti storiċi ta' l-epoka qadima, kif ukoll in-naturalezza fid-djalogar b'vokabolarju u frażjoloġija xierqa u mexxejja u bla kliem safi li jista' jtellef l-effett ta' l-espressjoni xenika, f'argumenti ta' l-epoka moderna.*

*Infittxu għalhekk li nimlew dan il-vojt jekk irridu jkollna letteratura mirquma u sħiħa kif jixraq għaż-żminijiet li aħna fihom, l-epoka tad-deheb tal-Lsien Malti.*

## NHAR L-EWWEL QUDDIESA

Din it-talba li ġejja ġiet magħmula mill-Qassis ġdid Patri Karm. Fenech, S.J.*, nhar l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu, fil-Parroċċa ta' S. Pubblju, il-Furjana, il-15 ta' Awissu, 1955.

**O Ġesù, Qassis għal dejjem, żomm il-qaddejja Tiegħek fil-kenn tal-Qalb Imqaddsa Tiegħek, fejn ħadd ma jista' jagħmlilhom xejn. Agħti l-qawwa 'l fommhom miżbugħ bid-Demm prezzjuż Tiegħek. Żommhielhom safja u maħlula mid-dinja 'l qalbhom minquxa bil-għelm tas-Saċerdozju glorjuż Tiegħek. Bierek ix-xogħol tagħhom bi frott kotrani, u agħmel li l-erwieħ li jaqdu jkunu fis-Sema l-kuruna tagħhom ta' dejjem.**

(*) P. Karm Fenech, S.J. huwa l-awtur tat-*Taħriġ fl-Ilsien Malti; Idjomi Maltin* u *Il-Qawl Malti.*

# Rapport tas-Sena 1954

## RAPPORT AMMINISTRATIV TAS-SEGRETARJU MOQRI FIL-LAQGĦA ĠENERALI TA' L-24 TA' APRIL, 1955.

MILL-ĦATRA tal-Kunsill sal-lum l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" issoktat titħabat sabiex l-iskop li għalih twaqqfet jintlaħaq dejjem aktar; dan it-taħbit ta frott bnin li ġà qegħdin igawduh il-kittieba Maltin. Bħalma weħed għandu jistenna t-triq ma kenitx watja għal kollox, infatti l-President laqqa' l-Kunsill 17-il darba biex dan jistħarreġ il-qagħda li minn żmien għal ieħor kienet tinqala' u jieħu l-passi meħtieġa għall-ġid ta' lsienna u ta' min iħabrek biex isebbħu u jagħnih bil-letteratura li tixraqlu.

Barra minn għadd ta' oħrajn ta' importanza iżgħar, il-Kunsill kellu jipprova jsib tarf ta' żewġ kustjonijiet li kull waħda minnhom kienet tolqot b'mod dirett il-ħajja tal-Għaqda; l-ewwel kienet dwar l-istatut u l-oħra dwar id-drittijiet ta' l-awturi, speċjalment dawk li x-xogħlijiet tagħhom jixxandru mir-Rediffusion.

Sabiex il-Kunsill jilqa' x-xewqa ta' għadd ta' Membri Akkademiċi li jsir xi tibdil u xi żidiet fl-Istatut waqqaf kommissjoni magħmula mill-Viċi President, is-Sur A. Cremona u Dr. A. Buttigieg, Membru tal-Kunsill; dawn studjaw il-proposti mressqin mill-Membri u għamlu xi suġġerimenti; il-Kunsill kellu wkoll xi proposti oħra tiegħu wara li stħarreġ bir-reqqa r-rapport tal-kommissjoni; il-frott ta' din il-ħidma ssibuh miġbur quddiemkom — importanti ħafna hi l-kustjoni ta' l-affiljazzjoni — biex intom taqtgħu dak li għandu jsir.

Fuq id-drittijiet ta' l-awturi kulħadd kien tal-fehma li jeħtieġ jittieħdu passi sabiex ix-xogħol tal-pinna ma jibqax ikun aktar sfruttat u fuq kollox sabiex il-livell tax-xandir jogħla b'mod li s-semmiegħa waqt li jkunu qed jieħdu pjaċir ikunu wkoll fl-istess ħin — saħansitra xi drabi bla ma jindunaw — qegħdin jedukaw moħħhom u qalbhom. B'dan l-iskop twaqqfu tliet kummissjonijiet: l-ewwel waħda, magħmula mill-Professur Ġ. Aquilina, Dr. A. Buttigieg u s-Sur Ġużè Diacono, studjat il-qagħda u irrapportat fuqha. Ħriġna fl-istampa u qanqalna ħafna kliem u kommenti li servew ta' ġid; bosta għaqdiet oħra kitbulna biex igħidulna kemm kienu jaqblu mal-fehma tagħna u jħajruna nissoktaw fit-triq li konna qbadna, iżda kien hemm xi wħud li donnu ma għoġobnihomx għax forsi ħasbu li ma kienx ser jaqblilhom. Wara

dan twaqqfet it-tieni kommissoni li ħadu sehem fiha s-Sur Gużè Chetcuti u s-Sur Ivo Muscat Azzopardi biex tagħmel suġġerimenti konkreti. Bir-rapport ta' din it-tieni kommssjoni f'idejna stedinna lill-għaqdiet u x-xirkiet l-oħra li bejn wieħed u ieħor qegħdin jaħdmu għall-ideal tagħna sabiex jingħaqdu magħna ħalli lkoll flimkien navanzaw fit-triq li kif konna naħsbu ma kenitx sejra tkun nieqsa mit-twegħir u t-tfixkil. Kważi kull min stedinna wieġeb u ssieħeb magħna. Tlaqqgħu d-delegati taħt it-tmexxija tal-President tal-Għaqda tagħna għal darba darbtejn u dawn wara li studjaw is-sitwazzjoni, stħarrġu s-suġġerimenti, qatgħu x'passi kellhom jittieħdu u ħatru kommissjoni ta' erbgħa : Il-Professur Aquilina, il-Professur Kan. E. Coleiro, l-Avukat Ġorġ Zammit, u s-Segretarju tal-Għaqda tal-Kittieba 'ex-officio' Membru u Segretarju tal-Kommissjoni li kellhom imexxu l-ftehim. Din il-kommissjoni għadha kif temmet ħidmitha għal kollox — iżda kif ġa tajt x'wieħed jifhem, l-awturi ġa ilhom xi żmien jitħallsu aħjar u ġa hemm min jieħu ħsieb jara l-livell tax-xandir bil-mod il-mod jogħla u jitjieb. Hu xieraq li r-rapport tiegħi fuq din il-kustjoni jingħalaq b'kelma ta' ħajr lid-Direttur tar-Rediffusion għall-mod ġentili li bih dejjem laqa' l-Kommissjoni u sema' dak li riedna ngħidulu, u li xi drabi żgur ma kienx idoqqlu ħelu f'widnejh.

Kif kien fisser il-President fid-diskors li għamel fil-Laqgħa Ġenerali meta kien inħatar il-Kunsill, il-parir tal-Għaqda tagħna hu mfittex u mismugħ u dan minkejja l-fatt li l-isem tal-Membri tal-Kunsill baqa' qatt ma deher fil-Gazzetta tal-Gvern kif kien isir fl-imgħoddi. Infatti fost il-membri tal-kumitat imwaqqaf mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u taħt il-presidenza ta' l-istess Direttur ta' l-Edukazzjoni biex jagħtu parir lill-Ministru dwar sussidji lill-awturi ta' xogħlijiet miktubin bil-Malti, tnejn jirrappreżentaw lill-Għaqda. Ir-Rediffusion ta' sikwit titlob l-għajnuna tal-Kunsill — dan ġara meta riedet tagħmel kompetizzjoni ta' stejjer qsar, ta' xandir speċjali għall-miġja tal-maħbuba Reġina tagħna u f'okkażjonijiet oħra wkoll; għalkemm mhux dejjem ix-xewqa tagħna kienet milqugħa għal kollox, iżda dejjem ittieħdu miżuri favorevoli, ta' min isemmi fost l-oħrajn il-ħlas lill-eżaminaturi ta' kompetizzjonijiet. Kien hawn ukoll min xtaq ikun jaf kif naħsbuha aħna qabel ma jintrapprendi xi xogħol ta' pubblikazzjoni. Safejn stajna aħna qatt ma nqasna li nagħtu l-għajnuna

tagħna wkoll meta saħansitra xi membri kellhom imħabba f'hekk jissigrifikaw ħinhom.

Ħaġ'oħra li tkompli tqawwilna qalbna hi t-talba ta' xi kittieba żgħażagħ li ġa bdew jagħmlu isem fil-qasam letterarju Malti biex jidħlu magħna u jkollhom il-ġieh jissieħbu magħna fil-ħidma favur ilsienna. Imħabba xi proposti li tressqu quddiem il-kommissjoni li kellha f'idejha r-reviżjoni ta' l-istatut, it-talba ta' xi wħud minn dawn għadha ma ġietx milqugħa, iżda nittamaw li l-Kunsill il-ġdid ikun jista' jieħu ħsiebha bla telf ta' żmien. Dan jgħodd ukoll għall-kustjoni ta' l-affiljazzjoni.

Il-mewt tas-Sur Ugo Muscat Azzopardi kienet għall-Għaqda daqqa ta' ħarta li l-effetti tagħha sejrin jibqgħu jinħassu għal xi żmien. Fl-aħħar rapport amministrativ semmejt kif bl-għajnuna tas-Sur Ugo Muscat Azzopardi l-Għaqda waqqfet Darha; il-mewt tiegħu setgħet ċaħħditna minnha li ma kienx għall-qalb tajba ta' għadd mill-Membri Akkademiċi li refgħu l-piż tal-kera; b'dan il-mod biss bqajna ngawdu l-istess vantaġġi.

Għalkemm ix-xewqa tal-Kunsill kienet li għeluq il-mitt sena tat-twelid ta' l-ewwel President tal-Għaqda, il-mibki iżda qatt minsi Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, jkun imfakkar b'mod tassew xieraq u, biex ingħid hekk permanenti, il-pjan li kien ġà thejja baqa' fil-ħsieb tagħna imħabba għadd ta' raġunijiet, imma l-aktar imħabba nuqqas ta' flus. Iżda dil-ġrajja ma setgħetx titħalla tintesa u kif tafu intom ġiet imfakkra f'IL-MALTI, l-organu uffiċjali tagħna, kif ukoll mill-President f'diskors kommemorattiv minn fuq ir-Rediffusion.

Qabel ma nagħlaq dan ir-rapport ma nixtieqx nonqos minn dmiri li nirringrazzja lil dawk fost sħabi — l-aktar il-Membri tal-Kunsill — li billi l-ħidmiet tal-Għaqda qed kull ma jmorru dejjem jiżdiedu, b'xi mod jew ieħor ħaffewli mill-piż u hekk kinuli ta' għajnuna kbira.

---

## IT-TABIB Ġ. GALEA M.B.E., M.D., D.P.H., MAĦTUR PROFESSUR

**Nifirħu lit-Tabib Ġ. Galea, President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u Direttur ta' "Il-Malti", li ġie mogħti t-titlu personali ta' Professur tal-Mediċina Legali fl-Università Rjali ta' Malta flok ta' Lettur ta' l-istess materja wara rikkmandazzjoni tas-Senat imwettqa mill-Kunsill ta' l-Università, għall-merti tiegħu eċċezzjonali fl-istess karika universitarja.**

## MITULI HUTI

*Ta'* J. M. MANARA

*Lill-għeżież ħuti Daddu u Carlo*
*li dejjem u f'kollox għallmuni.*

Mar kulħadd miċ-ċimiteru,
l-oqbra reġgħu minsijin;
nwar midbiela tilfu l-fwieħa,
żejt u xama' mitfijin.
Waħdi, nhewden, sabar xejn,
ngħajjat: "Huti, għax mittu t-tnejn?"
Sigar twal li ddellu l-oqbra
b'silta u sura ta' kampnar,
tħaddru s-sena kemm hi twila
twennsu l-mejta lejl u nhar!
Igħidu li intom tagħtu s-sabar,
x'tafu sew fuq 'l hinn mill-qabar?
Ir-riħ qam minn ġoċ-ċipressi
u kull fergħa bdiet tirtogħod,
xebh ta' leħen li kont nafu
smajt iwieġeb mhux fil-bogħod:
"Sabar lilkom, ja ħajjin",
igħidu għal dejjem il-mejtin.
F'dalma mraxxa bi trab fiddi
illi jerħi dawl nemniemi
rajt lil ħuti jitbissmuli
ferħanin fil-gawdju diemi.
Twieldu b'mewthom, għalli ġej,
naf li jgħixu fil-Mulej!

---

## KOTBA BIL-MALTI

Il-Wisq Rev.du Duttur Martiniano Roncaglia, O.F.M., Direttur tas-"Centre D'Etudes Orientales" li jinsab fil-Muski, il-Kajr, Eġittu, wera l-hena, l-għoġba u l-ħajr tiegħu meta wasslulu xi kotba bil-MALTI għall-BIBLJOTEKA taħt it-tmexxija tiegħu.

Huwa interessat l-iżjed f'dawk il-kotba li bħala egħmejjel jew ilsien għandhom x'jaqsmu ma' l-Orjent, imma jieħu wkoll pjaċir b'kull ktieb miktub bil-Malti tajjeb.

Għalhekk min jista' jiddisponi minn xi ktieb huwa mitlub li jibagħtu lis-Sur Ivo Muscat-Azzopardi P.L., 47, Triq id-Dejqa, Valletta, biex jiġi mibgħut lil Dottor Roncaglia.

# DLAM

*Ta'* George Stevens

MARIO kien għadu kemm iżżewweġ. Kellu mara li kien iħobbha daqs id-dawl t'għajnejh u kien qed igħix ħajja ta' sliem u hena fl-istat ġdid tiegħu. Xejn ma kien jonqsu. Biss huwa kellu xewqa kbira li jkollu iben jixbah lilu. U fih din ix-xewqa kienet aktar tikbes meta kien jara t-tifel ta' ħuh il-miżżewweġ b'dawk il-għajnejn sbieħ ta' missieru!

Mario kien jagħraf kemm hi ħaġa ta' ferħ li tkun missier, u kemm hi ħaġa ta' ferħ aktar li jkollok iben jixbah lilek. Kemm xtaq li bħal ħuh ikollu tifel jixbah lilu biex bħal ħuh joqgħod jitpaxxa bih!

* * *

Fil-belt Taljana fejn kien igħammar Mario ma' martu kien riesaq il-periklu. Dak iż-żmien l-Italja kienet fi gwerra ma' l-Awstrja. It-truppi Awstrijaċi kienu qasmu l-fruntiera Taljana, bdew iheddu l-ibliet Taljani tat-Tramuntana u issa kienu qorbu sew lejn il-belt ta' Mario. Fil-belt saret sejħa biex jingaġġaw aktar suldati ħalli l-għadu jiġi megħlub. Għal din is-sejħa wieġeb għadd sabiħ ta' żgħażagħ, u fost dawn kien hemm Mario li ngaġġa minn ta' l-ewwel.

Ma damx Mario ma sab ruħu mifrud minn martu. Kienet ġiet ordni biex it-truppi Taljani jmarċaw u jiltaqgħu mal-għadu li kien wasal barra bwieb il-belt. Qalb il-bini ġa kienu bdew jinstemgħu l-kanunati tal-għadu u kultant xi balla żżarżar u tfaqqa' fuq xi ħajt. Fost in-nies qamet għagħa u taħwida kbira—nisa u tfal jibku u rġiel jippruvaw jikkalmawhom. Kulħadd imwerwer. Fejn qabel il-belt kienet issaltan fil-hena u l-paċi issa kienet maħkuma mill-qilla u l-qirda tal-gwerra.

It-truppi Taljani ma damux ma ntasbu f'taqbida mal-għadu barra l-belt. Saret taqtigħa ħarxa li fiha għadd kbir ta' suldati tażżewġ naħiet ħallew ħajjithom. It-taqbida damet sejra ħafna u ma ntemmetx qabel ma mijiet ta' iġsma kienu jinsabu fl-art bla ħajja. It-truppi Taljani rnexxielhom joħorġu rebbieħa u jreġġgħu lura lill-għadu b'għadd kbir ta' ħajjiet mitlufa u għadd akbar midruba. U fost il-midruba kien hemm min ġie immankat bl-ikrah.

* * *

Malli l-għadu kien għab għal kollox, it-truppi Taljani mar-

ċaw lura lejn il-belt, rebbieħa imma mikduda. Meta daħlu fil-belt kien hemm dehra ta' ferħ u biki. Min beda jitgħannaq ma' żewġu, ħuh jew ibnu li kien mar għat-taqbida u reġa' lura qawwi u sħiħ, u min beda jibki u jolfoq għax xi ħadd għażiż għal qalbu ma kienx reġa' lura fi ħdanu.

Mario kien jinsab imħaddan ma' martu li f'idejha kellha għoġol ta' tarbija. Kienet l-ewwel tarbija ta' Mario. Tifel wiċċu mqaxxar. Imma l-aktar li kien jixbhu minn għajnejh. Għajnejh kienu qishom tiegħu meta kien żgħir. Dak li xtaq Mario kien issa qiegħed quddiemu.

Imma Mario ma seta' jara xejn. Hu kien tilef għajnejh ittnejn. Waqt li kien f'taqbida ma' wieħed mis-suldati tal-għadu safa' milqut b'balla li ħallietu għama għal kollox. Kieku Mario seta' jiftaħ għajnejh kien jagħraf kemm tabilħaqq kien jixbhu ibnu!

Dak il-ħin bdew idoqqu marċijiet ferrieħa biex jiċċelebraw ir-rebħa u kap għoli li qam jindirizza lill-folla għall-okkażjoni nstama' jgħid: "U issa qed *nara* għalikom futur sabiħ, qed *nara* dawl ġdid fuq ix-xefaq!" Mario seta' *jara* dlam biss. U għalih xejn ma kien jimporta la ma setax jara lil ibnu li kien jixbhu!

---

## IL-QALB

*Ta'* GEORGE ZAMMIT

Arpa f'rokna mudlama l-qalb tal-bniedem:
siekta u mbikkma, imkebba fis-swidija
— Ħolma minsija —
Iżda tistenbaħ bħal merill fil-wisa'
Ta' sema safi
U l-ħolqien timla bl-għana, u, bħal għadira
Imfawra, tfawwar lewn id-deheb u l-ġawhar,
Meta, b'żegħila ta' blanzun, tmellisha
Iż-żiffa tat-tifkira.

15. 9. 55.

# STATUT TAL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

### TIBDIL U ŻIDIET FL-ISTATUT MGHODDIJIN MILL-KUNSILL

Proposti dwar tibdil u/jew żidiet fl-Istatut imwettqin mill-Kunsill :—

**Regolament 14.** — L-ewwel paragrafu tar-regolament jinbidel b'dan il-mod :—

"Il-Kunsill ikun magħmul minn : President, Viċi President, Segretarju, Teżorier, Uffiċjal tal-Propaganda, li jissejħu Membri Uffiċjali, u tmien membri oħra li minn fosthom jingħażlu mill-istess Kunsill : Arkivista, Asst. Segretarju u Asst. Teżorier".

Konsegwenza ta' dan it-tibdil : kulfejn fl-Istatut hemm il-kelma "Kaxxier" din tinbidel f'"Teżorier".

**Regolament 24.** — Ir-regolament jinbidel hekk :

"Il-Laqgħat Ġenerali jsiru għallinqas darba fis-sena u kull meta jidhirlu meħtieġ il-President jew il-Kunsill jew meta għaxar Membri Effettivi jurru lis-Segretarju bil-miktub li jridu laqgħa ġenerali u għalfejn iriduha ssir".

**Regolament 28.** — Ir-regolament jinqara hekk :—

"*Viċi President.* Meta l-President ma jkunx jista' jaqdi dmiru jidħol floku l-Viċi President. Jekk ħadd minnhom ma jkun fil-laqgħat sa kwarta wara l-ħin, wieħed mill-Membri tal-Kunsill, jekk ikun hemm 'quorum', jitlob li jiġi maħtur President Proviżorju minn fost il-membri preżenti".

**Regolament 29.** — Ir-regolament jiżdied b'dan il-paragrafu :

"L-Ass. Segretarju jgħin lis-Segretarju u jidħol floku meta s-Segretarju ma jkunx jista' jaqdi dmiru. Jekk fil-laqgħat ma jkun hemm ħadd minnhom, il-President jordna li jinħatar Segretarju Proviżorju minn fost il-membri preżenti".

**Regolament 30.** — Ir-regolament jiżdied b'dan il-paragrafu wara l-ewwel paragrafu :—

"L-Ass. Teżorier jgħin lit-Teżorier u jidħol floku meta dan ma jkunx jista' jaqdi dmiru".

Fi tmiem l-ewwel paragrafu, wara l-kelma "Rivista", jiżdiedu dawn il-kelmiet :—

"fuq il-firma tat-Teżorier u tar-Reviżuri. Jekk ir-Reviżuri ma japprovawx ir-rapport tat-Teżorier għandhom jagħtu r-raġunijiet tagħhom f'rapport li jressqu quddiem il-Kunsill".

It-tieni paragrafu, wara l-kelma "Lil", jinbidel u jkompli jinqara hekk:—

"Tliet Reviżuri li fosthom wieħed ikun Supplenti. Ir-Reviżuri jingħażlu mil-Laqgħa Ġenerali wara li jkun inħatar il-Kunsill; dawna jingħażlu minn fost il-Membri Effettivi li ma jkunux membri tal-Kunsill.

**Regolament 37.** — Wara li l-pont ta' tmiem il-paragrafu jinbidel f'virgola, il-paragrafu jiżdied b'dawn il-kelmiet:—

"iżda madankollu huwa għandu jibqa' jħallas sa l-aħħar tas-sena, kemm-il darba ma jkunx għarraf lis-Segretarju li huwa biħsiebu jitlaq mill-Għaqda qabel iż-żmien tat-tiġdid tat-tisħib".

**Regolament 39.** — Il-kliem tar-regolament jitneħħa għal kollox u r-regolament jinqara hekk:—

"Jistgħu jsiru tibdiliet, żidiet, eċċ., fl-Istatut f'Laqgħa Ġenerali qabel il-ħatra tal-Kunsill, jew f'Laqgħa Ġenerali msejħa b'dak l-iskop. Dawn jistgħu jkunu proposti mill-Kunsill jew mill-Membri Effettivi, iżda meta jkunu proposti mill-Membri jridu jaslu lis-Segretarju bil-miktub għallinqas xahar qabel il-laqgħa ġenerali li fiha jkun maħtur il-Kunsill l-ġdid, jew f'laqgħa ġenerali msejħa għal hekk".

**Regolament 40.** — Jiżdied dan ir-regolament:—

"L-Istatut jista' jiġi mibdul jew miżjud b'maġġuranza ta' voti ta' tnejn minn tlieta (⅔) f'Laqgħa Ġenerali li fiha jkun hemm mhux inqas min-numru ta' wieħed minn tlieta (⅓) tal-Membri Effettivi. Iżda kemm-il darba ma jkunx hemm in-numru meħtieġ ta' Membri Effettivi kif stabbilit hawn fuq f'żewġ laqgħat imsejħin għall-iskop li jitgħaddew xi tibdil jew żieda fl-Istatut, dawn jistgħu jiġu approvati fit-tielet laqgħa b'maġġuranza ta' voti ta' tnejn minn tlieta (⅔) tal-membri li jkun hemm f'dik il-laqgħa wara kwarta mill-ħin iffissat tal-ftuħ tal-laqgħa".

**Regolament 41.** — Jiżdied dan ir-Regolament:—

"AFFILJAZZJONI

41. Il-Kunsill jista', jekk jidhirlu, jaffilja mal-Għaqda soċjetajiet letterarji Maltin oħra. Is-Soċjetajiet hekk affiljati ma jkollhomx il-jedd li jibagħtu rappreżentanti biex jagħmlu sehem mill-Kunsill tal-Għaqda. Din l-affiljazzjoni ssir skond regolamenti speċjali magħmulin mill-Kunsill tal-Għaqda.

# In-Nies tas-Snajja' fl-Ewwel Snin ta' l-Ingliżi f'Malta

*Ta'* Ġużè' Gatt

*(Jaqbad mal-faċċ. 87 f'"IL-MALTI" ta' Settembru, 1954)*

Bħalma fi żmien l-Ordni, wieħed mill-Gran Mastri (aktarx kien Martino Garzes, 1598-1601), warrab il-furnara mill-Belt u tefagħhom Ħal Qormi, biex jeħles mid-dħaħen ta' l-ifran tagħhom, hekk ukoll fi żmien l-Ingliżi, ftit snin wara li Gżiritna għaddiet f'idejhom, il-Gvern ried, sa fejn seta', jeħles lin-nies mit-tgermid u l-ħsejjes kbar li kienu jagħmlu l-ħaddieda, minħabba x-xogħol tagħhom. Biex jasal f'dan l-iskop, ħabta ta' l-1809, il-Gvern bena dawk l-imħażen (ħwienet) ta' maġenb il-Barrakka l-Qadima (t'isfel) ħalli l-ħaddieda jkunu jistgħu jmorru fihom, jaħdmu fis-sengħa tagħhom hemm, imwarrbin xi ftit min-nies. U bħalma Ħal Qormi, minħabba l-għadd kbir ta' furnara li marru jgħammru fih, ħa l-laqam ta' "Casal Fornaro", hekk ukoll ħdejn il-Barrakka t'Isfel, minħabba n-nies tas-sengħa li semmejna, u li marru jaħdmu hemm, ħa l-laqam tiegħu, billi beda jissejjaħ is-"Sur tal-Ħaddedin".

Il-Gvern, fost l-oħrajn, l-ewwel ma ried ibattal mill-ħaddieda minn dawk l-imħażen li qabel il-gwerra li għaddiet kien hemm fi Triq San Kristofru, taħt l-Università. F'wieħed minn dawn kien hemm Ġanpatist Barro, Imgħallem kaldaran. Lil dan tawh ħanut mill-ġodda ta' fejn il-Barrakka t'Isfel.

Ieħor li kien joqgħod hemm, Ġanpatist Muscat, għamel petizzjoni lill-Gvernatur. Fiha fisser kif minflok il-ħanut li kellu taħt il-Kwartier ta' Putirjal, tah wieħed mill-imħażen ta' taħt l-Università, li jġib in-Nru. 36 (Triq San Kristofru), fejn tal-kera tiegħu, qiegħed iħallas 24 skut fis-sena. Iżda, billi dan il-ħanut, minħabba d-dħaħen u l-ħsejjes li jagħmel bix-xogħol tiegħu, hu ta' ħafna tfixkil għall-Bank "Anglo-Maltese" (2) ġie ordnat biex joħroġ minn hemm. Għalhekk, f'dil-qagħda msejkna tiegħu, idur lejn il-ħniena tal-Gvernatur, u jitolbu biex iġiegħel lill-Amministratur tal-Bini tal-Gvern jagħtih ħanut f'liema naħa tkun tal-Belt, bl-istess ħlas ta' 24 skut kera fis-sena. Terġa', tħajjar jitolbu din il-grazzja, għaliex jaħseb li jistħoqq li tingħatalu, billi għal 14-il sena qeda bl-onestà kollha lill-

---

(2) Għall-bidu, dan il-Bank twaqqaf fi Triq San Pawl, qrib San Kristoforu.

Ordni. Ta' dan ix-xogħol qala' Degriet minn għand il-Gran Mastru, li jsir Kapu Mastru ta' l-Imgħallmin Haddieda. Sal-1810 kien qed jaqdi bħala Konslu tan-nies tas-sengħa tiegħu. Qatt ma ta lill-Gvern x'igemgem minnu f'għemilu u fix-xogħol ta' ħaddied. Għal 18-il xahar qeda lill-Kummissarju Borghman, u minn dan stħoqq it-tifħir tiegħu. Hadem lis-Sur Picott (Pigot?) xi xogħlijiet, u dan għogbuh ħafna. Għal 9 xhur sħaħ qeda lis-Sur Kav. Fox u lill-Kav. Cameron, kemm f'Malta, kemm f'Għawdex. Għalhekk bis-saħħa ta' dawn il-ħafna xogħlijiet li għamel, u ma' l-onestà li wera fil-ħidma tagħhom, flimkien mal-ħtieġa kbira li għandu ta' ħanut, biex igħajjex il-familja tiegħu, jittama li l-Gvernatur jagtih dil-grazzja.

Il-Gvernatur qata', fit-23 ta' Mejju, 1810, biex Muscat jitlob lill-Amministraturi tal-Bini tal-Gvern. Muscat hekk għamel, u dawn tawh ħanut minn dawk ta' ħdejn il-Barrakka t'Isfel. Iżda Muscat għamel petizzjoni oħra lill-Gvernatur, fejn qallu li ma jistax jitlaq minn fejn hu, qabel ma terga' tinbena mill-ġdid il-forġa tiegħu fil-ħanut li tawh. Għax, ladarba dil-forġa nħattet mill-ħanut li kellu ta' qrib Putirjal, u b'ordni tal-mejjet Gvernatur Ball, inbniet b'nefqa ta' l-Amministrazzjoni fil-ħanut li kien qiegħed fih, hekk ukoll għandu jsir issa, fil-ħanut ġdid li tawh, ladarba din reġgħet inħattet minħabba fihom, biex ikun jista' jitlaq minn fejn hu.

Il-Gvernatur qabbad lill-Amministrazzjoni biex tieħu ħsieb tibnilu l-forġa b'nefqa minn tagħha. Dawn il-ħwienet ġodda, ta' ħdejn il-Barrakka t'Isfel, qanqlu ħafna tilwim bejn dawk li riedu jikruhom, u għalhekk kienu ta' bosta ksir ir-ras għall-Amministrazzjoni tal-Bini tal-Gvern.

F'Settembru ta' l-1810, Pietru u Ċikku, aħwa Troisi, ħaddieda mill-Belt, għamlu petizzjoni lill-Gvernatur. Fiha fissru, kif 6 xhur qabel għamlu rikors fejn talbu jikru wieħed mill-ħwienet ġodda li saru ħdejn il-Barrakka t'Isfel, biex fih jaħdmu s-sengħa tagħhom ta' ħaddieda. Dar-rikors baqa' għand l-Amministraturi, bla ma tawhom ebda tweġiba għalih. Iżda mbagħad raw li dak il-ħanut li talbu ġie mogħti lil Ġużè Serra, Imgħallem Kaldaran, fejn tefa' fih xi għodod tiegħu.

L-imsemmi Serra għandu 3 ħwienet fil-Belt. F'wieħed iżomm lavrant tiegħu. F'ieħor għandu ħwejjeġ maħduma tarram għall-bejgħ. Fit-tielet jaħdem hu s-sengħa tiegħu, waqt li issa kiseb ir-raba' wieħed minn għand il-Gvern.

B'dan li qalu (l-aħwa Troisi) riedu juru lill-Gvernatur, il-kilba li għandu Ġużè Serra, li jikseb ħafna ħwienet taħt idejh, waqt li huma ma jridux għajr wieħed biss—dak l-istess wieħed li talbu sitt xhur ilu. Fuq hekk talbu lill-Gvernatur biex iġiegħel lil Serra jitlaq l-imsemmi ħanut ħalli dan jiġi mogħti lilhom.

Il-Gvernatur, fl-14 ta' Settembru, qabbad lill-Amministraturi biex jagħtuh tagħrif dwar dak li talbu l-aħwa Troisi.

L-Amministraturi qalu li meta ġew biex jikru dawk il-ħwienet ġodda li bnew ħdejn il-Barrakka t'Isfel, bosta kienu dawk li talbuhom, fosthom Ġużè Serra, kaldaran. Dan qal li jinħtieġ ħanut, billi jkollu jitlaq dak li għandu fejn qed jaħdem is-sengħa tiegħu, minħabba li s-sid għamillu kawża, għax qal li d-dħaħen qed jagħmlu ħsara lill-bini tiegħu. Is-sid irid li jerġa' jikri lil Serra, iżda bi ftehim ġdid li ma jqabbadx nirien aktar, inkella jfittex joħroġ minn hemm biex jikrih lil ħaddieħor.

Billi huma tfixxkfu u raw li kulma qal Serra huwa minnu, u billi, barra l-ħtieġa li Serra jinsab fiha, qiesu wkoll il-ħidma tiegħu li għamel għal din l-Amministrazzjoni u għall-Isptarijiet, tawh wieħed mill-ħwienet il-ġodda.

Wara, l-aħwa Troisi għamlu petizzjoni biex Serra joħroġ mill-imsemmi ħanut li tawh. Biex ta' Troisi juru li Serra qed iżomm, bħalma ħasbu huma 3 ħwienet, barra l-ieħor tal-Gvern, semmew is-sidien li qed jikrulu.

L-aħwa Troisi, biex iwieżnu r-rikors tagħhom, ġiebu xi dokumenti bix-xhieda ta' Ġanpatist Barro u Ċensu Pace. Iżda jidher li dawn, b'dak li qalu, it-tnejn għandhom xi mibegħda, jew għira, għal Serra, Pace għaliex baqa' minn barra, billi talab ħanut mill-ġodda u ma tawhx, u Barro billi jaħdem fl-istess sengħa ta' Serra.

Madankllu, Ġużè Serra ma naqasx li jġib id-dokumenti tiegħu wkoll, fejn bihom wera li ma għandux għajr ħanut wieħed lilu mikri minn Ġużè Camilleri, u li jkollu jħaħħilh, minħabba li ma jridux iqabbad nirien iżjed fih. Għalhekk kien jibqa' bla ħanut, li kieku l-Gvern ma tahx wieħed mill-ġodda.

Il-ħanut l-ieħor, li hu ta' Pawlu Bennard, għalkemm jidher li hu mikri lil Serra, iżda fis-sewwa, il-kerrej tiegħu hu l-Imgħallem Ċikku Schembri, bħalma qal Bennard stess. Terġa', das-sid irid il-ħanut tiegħu battal, malli jispiċċa ż-żmien tal-kera miftiehem, biex isewwih. Għax id-dħaħen għamlulu l-ħsara fil-bini, barra milli wkoll it-taħbit jagħtih ġewwa.

It-tielet ħanut hu ta' Mikiel Cassar. Das-sid igħid li hu krieh lil Salvu Schembri. Iżda, billi Serra għamel tajjeb għal Schembri, li jiġi ħatnu, biex ikun aktar fiż-żgur, l-irċevuti qed jagħmilhom f'isem Serra.

Terġa', Ċikku Troisi, wieħed milli għamlu l-petizzjoni, għalkemm jaħdem ta' ħaddied, dan l-aħħar ħalla s-sengħa tiegħu, billi qed jagħmilha ta' skrivan. Huh Pietru, għad illi s-sengħa tiegħu hi ta' ħaddied, għadu qatt ma ġie magħruf bħala Mgħallem, iżda dejjem ħadem ta' lavrant ma' mgħallmin oħra; dan l-aħħar ma' l-Imgħallem Ċensu Galea, li lilu wkoll ġie mogħti wieħed mill-ħwienet ġodda.

L-Amministraturi fl-aħħar qalu, li t-talba ta' l-aħwa Troisi ma għandhiex tiġi milqugħa, kemm-il darba l-Gvernatur ma jidhirlux xort'oħra. Iżda dan mexa fuq dak li qalulu l-Amministraturi tal-Bini tal-Gvern. Ta' Troisi ma qatgħux qalbhom. Wara xi żmien għamlu rikors ieħor. Fih fissru x'talbu fiż-żewġ rikorsi ta' qabel, u kif baqgħu bla ħanut. Iżda, billi reġgħu nbnew ħames ħwienet ġodda fl-istess triq, ma' li kien hemm, talbu wieħed minnhom. L-Amministraturi għarrfu lill-Gvernaturi, li meta ta' Troisi talbu l-ewwel darba għal ħanut, kienu laħqu krewhom lil ħaddieħor. U billi l-ġodda li saru huma mwegħdin ukoll, ma jistgħux jagħtuhom minnhom.

Il-Gvernatur qata' biex l-aħwa Troisi jitolbu mill-ġdid malli jkun hemm il-battal. Iżda, jekk wara kisbux xi wieħed mill-imsemmija ħwienet, ma nafux. Għax ebda talba oħra ta' Troisi ma ġiet f'idejna.

Wieħed minn dawk li marru joqogħdu f'ħanut ta' ħdejn il-Barrakka t'Isfel, deherlu li sab ruħu mfixkel fix-xogħol tiegħu, minn ieħor li baqa' fil-Belt. Għalhekk dana, li kien jismu Kustanz Borg, għamel petizzjoni lill-Gvernatur. Fiha qal li hu jaħdem ta' ħaddied u nagħal. Malli qalulu biex ibattal minn fejn kien, ħareġ malajr, biex fittex mar jaħdem is-sengħa tiegħu f'wieħed mill-ħwienet ġodda ta' ħdejn il-Barrakka t'Isfel. Iżda mhux hekk għamel Nikol Attard. Dana, daqqa taħt skuża, daqqa taħt oħra, baqa' jaħdem fis-sengħa tiegħu fl-istess ħanut li għandu taħt il-Kwartier ta' Putirjal, billi qal li huwa xiħ ħafna, waqt li għamel sħab ma' wieħed mil-lavranti tiegħu, bil-ħanut ukoll fejn il-Barrakka t'Isfel. Dan qed jaħdem il-ħadid u l-imsiemer għall-Imgħallem Nikol, biex iniegħel il-bhejjem. U billi Nikol huwa qrib Putirjal, ħa x-xogħol kollu f'idejh. B'hekk hu (Kustanz),

qed jibqa' b'idejh marbuta, billi naqsu ħafna x-xogħol. U billi ma għandu ebda ħaġa oħra biex igħin ruħu u jitgħajjex, talbu li jagħtih il-grazzja, billi jġiegħel lil Attard jitlaq il-ħanut ta' ħdejn Putirjal, u jmur jaħdem is-sengħa tiegħu ma' sieħbu, fil-ħanut il-ġdid ta' ħdejn il-Barrakka t'Isfel.

Għat-talba ta' Kustanz Borg, l-Amministraturi għarrfu lill-Gvernatur li dana kien jaħdem f'wieħed minn dawk l-4 ħwienet li hemm taħt l-Università (Triq San Kristofru), qrib l-Istanzi Pubbliċi (Triq San Pawl). Iżda meta dawn il-ħwienet kellhom jitbattlu, biex jitħallew għal ħaġ'oħra, lil Borg tawh wieħed mill-ġodda ta' ħdejn il-Barrakka t'Isfel.

Nikol Attard kien jaħdem fil-ħanut taħt il-Kwartier ta' fuq Putirjal. Iżda, billi dan ġie ordnat li ma jqabbadx nirien aktar, minħabba d-dħaħen u l-ħsejjes li kien jagħmel, għalaq il-forġ, ħalla s-sengħa ta' ħaddied, u baqa' jaħdem biss f'dik ta' nagħal. Attard ma hu sħab ma' ħadd. Terġa', il-ħanut mogħti lil Kustanz Borg hu qrib ħafna lejn il-Bieb tax-Xatt, fejn 'il hemm ipoġġu ħafna nies bil-bhejjem tagħhom. Għalhekk, it-talba tiegħu ma għandhiex tiġi milqugħa. Kif hekk sar.

Wara xi xhur li saret it-talba ta' Borg, insibu oħra ta' Attard. Fiha qal li qed jaħdem ta' nagħal fit-triq id-dejqa ta' taħt il-Kwartier ta' Putirjal, billi jaqdi l-uffiċini kollha tal-Gvern. Xhur qabel, mhux biss ma ħallewhx iqabbad nirien aktar, imma ordnawlu wkoll biex jitlaq minn hemm. Fejn jaħdem iżjed ma kellux, u għalhekk ma satax jaqla' l-għajxien tiegħu, waqt li hu mgħobbi bil-familja. Iżda sama' li l-Furjana, qrib iċ-Ċimiterju (maġenb il-Knisja, in-naħa tal-Mall) jiġifieri taħt l-Ark (ma sibniex dan fejn kien), hemm kamra żgħira battala, u li hi meħtieġa ħafna għalih, biex fiha jaħdem is-sengħa tiegħu, bla ma jdejjaq lil ħadd hemm. Għalhekk talab li jikruhielu, waqt li hu mhejji li jħallas tagħha kemm jgħidulu.

Il-Gvernatur, f'Mejju ta' l-1811, ġiegħel lill-Amministraturi tal-Bini tal-Gvern biex jikruhielu.

## QWIEL IL-BIDWI

Kull andar għandu l-karfa tiegħu.

Il-għana mill-għanem (merħla), u l-għanem iġib il-għana (il-kant), igħid ir-raħħal.

Il-lsien il-moħriet fih il-għasel għar-raba'.

Min f'rokontu għandu l-barrada<br>Jidħak bis-sena l-farrada.

# Santu Wistin Studjat Bħala Kittieb

*Ta'* V. M. Pellegrini

Billi din is-sena jaħbat is-sittax-il ċentinarju tat-twelid ta' Santu Wistin għalhekk huwa xieraq li anki "Il-Malti" bħala rivista letterarja, tfakkar din il-ġrajja, billi turi lil Santu Wistin bħala letterat.

Ħafna jaħsbu li Santu Wistin huwa biss l-awtur tal-"Qrariet" u forsi bħala l-protagonista ta' dak ir-rumanz storiku miktub minn Giovanni Papini, il-qalbieni difensur tad-demonju. Din l-allużjoni hi magħmula bla malizzja, iżda mhux mingħajr skop, għaliex jiena naħseb li l-Papini f'Santu Wistin jogħġbu iżjed il-bniedem milli l-Qaddis; l-istess kif bosta jaraw fil-"Qrariet", aktar ir-rumanz ta' ħajjiet Santu Wistin milli trattat fuq l-umiltà, fejn il-kittieb jikxef dak kollu li hu ta' sogħba u mistħij fit-tifkiriet tiegħu u fl-istess ħin jinseġ xogħol ta' tagħlim u siwi biex jagħti tama fil-ħniena bla qies li tinsab f'Alla u jqim lill-istess Alla b'ħeġġa u fervur kif jistħoqqlu.

Iżda Santu Wistin imbarra l-magħrufa "Qrariet" kiteb ukoll tlieta u disgħin trattat, imqassma f'mitejn tnejn u tletin ktieb, kif igħid hu stess fl-opra "Retractationes", li ġabar fiha dak kollu li matul ħajtu kien kiteb u, wara li fela bir-reqqa kollha l-istess kitba, qal ukoll fejn kellu xi ineżattezzi u ta tagħrif aħjar dwar l-istess xogħlijiet tiegħu. Ta' min ifakkar li kif kien qal Possidju fuq l-Isqof ta' Ippona, wara dak li Ġilormu kien kiteb fuq Origene, in-numru tax-xogħlijiet li kiteb Santu Wistin huwa hekk kbir li min irid tassew jaqrahom u jixtarrhom sewwa, bilkemm kemm jasal għal dan, kieku kellu jaħli ħajtu kollha fuqhom.

Barra mix-xogħlijiet ġà msemmija Santu Wistin sawwar ukoll bosta xogħlijiet oħra bħal ma huma dawk ta' natura filosofika, apoloġetika, dogmatika, polemika, antiarjana, morali kif ukoll bosta prietki u ittri mibgħuta lill-aqwa personalitajiet ta' żmenijietu, b'kollox kif jidher minn l-"Indiculus librorum tractatuum et epistolarum Sancti Augustini", miġbur minn l-imsemmi Possidju, Isqof ta' Kalama, u kittieb tal-ħajja tal-Qaddis, bejn wieħed u ieħor elf u tliet mitt biċċa xogħol, minbarra dawk li Possidju ma rnexxilux jiġbor.

U tabilħaqq f'Santu Wistin insibu miġbura kwalitajiet hekk għolja li l-istudjużi ta' kull żmien, meta tpoġġihom ħdejh jisfgħu

fix-xejn u l-kitba tal-lum tajba biss biex tpoġġihom fuq il-bankijiet ta' l-iskola. Jiena bħala kittieb u poeta nħares lejn Santu Wistin mhux biss bħala ''il-Qaddis'' li jistħoqqlu jkun meqjum minn kull nisrani, iżda wkoll bħala ''il-kittieb'' li fih insib il-ġenju mimli ħajja u qawwa, li tassew igħaxxaqni.

L-istil tiegħu huwa rapsodija li ssaħħar; u f waqtiet issibu kollu ħlewwa u ħrara bħal meta taqra xi proża romantika, waqt li f'oħrajn issibu jimrah f'kitba għolja, armonjuża u preċiża bħal ma nitaqgħu magħha fl-aħjar xogħlijiet ta' Ciċerun, f'oħrajn issibu ġwejjed, sempliċi u kollu reqqa bħalma huma d-Djalogi ta' Platone, u f'daqqa waħda mbagħad jinbidel f'aħrax u kollu qilla kif ħafna drabi kien ikun Tertulliano.

Bħala poeta jista' jiġi mxebbah ma' l-aqwa kittieba Latini ta' żmenijietu bħalma huma Makrobju u Klaudjanu u bejn ittmiem tar-raba' u l-bidu tal-ħames seklu, huwa waħdu jiġbor ġo fih dik l-arti għolja tal-proża Latina, b'dan li mal-maestà ta' qabel huwa żied xi ħaġa iktar ta' qawwa u taħa x-xebħ ta' dik ta' żminijietna.

Is-sigriet tal-kobor tiegħu bħala kittieb u filosofu, igħid Giovanni Papini (u f'dan il-kamp tistħoqq lil Fjorentin dik l-awtorità letterarja li jgawdi), insibuh dan li huwa, jiġifieri, igħid dak li jaħseb u jħoss ġo fih dak li jistqarr. Għal Santu Wistin Alla ma huwiex ħsieb li wieħed għad irid jiltaqa' miegħu, iżda verità ħajja li titpaxxa biha. Il-verità ma hix xi ħaġa li titgħallimha, iżda ġid li kulħadd jixtiequ; id-din nisrani ma huwiex ġabra ta' tagħlim, iżda ħajja li wieħed għandu jgħixha fiha nnifisha. Santu Wistin ġabar l-għerf teoloġiku fir-ruħ tal-bniedem; dewweb il-ħsieb safi fil-forza tal-qalb u tajjar fis-sema ideoloġiku bi ġwienaħ tan-nar. Taħt ix-xbieha ta' sliem universali ssib dejjem f'Santu Wistin xi fdal ta' polemika personali, xi rifless ta' awtobiografija, u għal din is-sejħa tiegħu għas-sentimenti moħbija tal-bniedem, kif ukoll għat-tħewdin kollu ħrara li bih huwa jersaq lejn il-ħsieb filosofiku, wieħed jista' jgħid li Santu Wistin huwa tassew l-ewwel romantiku tal-Lvant, l-ewwel bniedem modern. F'dan is-sens il-Petrarca, li skond xi wħud jistħoqqlu dan it-titolu, mhux ħlief dixxiplu u segwaċi tiegħu.

Bħala filosofu l-Isqof ta' Ippona għandu l-unur li l-ħsebijiet tiegħu nsibuhom jidwu fix-xogħlijiet ta' Anselmo, Tommaso, Leibnitz, Cartesio, Pascal, Bossuet u ta' ħafna u ħafna oħ-

rajn. L-iżvilupp ta' l-idejiet tiegħu, igħidilna Umberto Moricca, speċjalment qabel il-konversjoni tiegħu, huwa sforz wieħed biex minn dak li jidher jasal għal dak li ma jidhirx; minn dak li hu sod għal dak li ma tistax taqdi; minn dak li hu ta' din id-dinja għal dak li hu barra mid-dinja. Għal Santu Wistin it-tluq huwa mill-bniedem, il-wasla f'Alla. Il-filosofija ta' Platone tgħinu f'din il-mixja hekk mudlama. Għalih huwa ċert li ma jista' jkun hemm ebda tilwim bejn ir-raġuni u t-twemmin u minn Platone jagħraf li l-idejiet huma tabilħaqq ir-raġunijiet li ma jitbiddlux u ma jidhrux ta' dak kollu li jitbiddel u li jidher: veritajiet ta' dejjem. Biex Santu Wistin jasal ħalli jagħraf sewwa din l-idea, huwa "jitla" tarġa, tarġa fit-tagħrif meħtieġ, sakemm jasal fil-ħsieb ewlieni; u jibqa' jagħmel hekk, sakemm id-dawl t'Alla ma jiddix hekk qawwi f'għajnejh, li jnebbħu bil-verità assoluta. F'dak il-ħin il-filosofu jsir teologu.

U tabilħaqq, Santu Wistin huwa l-akbar teologu nisrani tal-Knisja tal-lvant. Għat-tkattir tas-sistema teoloġiku agostinjan serva ħafna t-taqbid li kellu kontra l-ereżiji kollha ta 'żmanijietu, fl-ewwel lok dak *kontra l-arjaneżimu* biex isaħħaħ id-domma tat-Trinità, id-divinità ta' Ġesù Kristu u l-perfezzjoni tal-morali evanġelika; imbagħad *kontra l-Manikejiżmu* li jiċħad l-essenza divina u l-bniedem, bit-tagħlim falz li s-sewwa u l-ħażin huma qawwija xorta, biex juri l-unità indiviżibbli u t-tieba bla qies ta' Alla u b'hekk iroddu lill-bniedem il-libertà ewlenija u l-kobor tiegħu morali; *kontra d-donatiżmu* li jiċħad is-setgħa u l-għaqda tal-Knisja, biex jiddefendi t-twemmin ta' l-universalità tal-Knisja; *kontra l-pelaġjaniżmu* li jiċħad il-grazzja kif ukoll il-bżonn tal-fidwa meħtieġa biex issaħħaħ in-natura dgħajfa tal-wild ta' Adam; suġġetti għall-ħażen, imxaqilba lejn id-dnub u għalhekk il-ħtieġa tal-għajnuna t'Alla.

Mill-ftit li stajt ingħidilkom, f'dan il-ħin qasir lili mogħti għal argument hekk vast, jidher li Santu Wistin kien tabilħaqq ġenju mill-ikbar, li ttajjar fil-għoli bħal ajkla u li l-bnedmin iħarsu lejh bħala wieħed li għen il-progress u l-feliċità tagħhom. Huwa għalhekk xieraq li l-opra tiegħu għandha tkun magħrufa minn kulħadd wisq iktar minna l-insara li f'Santu Wistin naraw mhux biss il-kittieb li jgħaġġeb bil-ħila letterarja tiegħu, iżda wkoll il-Qaddis li l-Knisja tagħraf bħala wieħed mill-aqwa Dutturi tagħha.

## L-ARLOĠĠ

*Ta'* C. Cassar

Għandi ħabib id-dar tassew sabiħ,
Li daħal f'qalbi mindu kont tarbija
Ninsab miġnun għalih
U hu miġnun għalija.
Fis-sikta ħiemda ta' kamarti msakkar
Itektek il-jum kollu bla waqfien;
Malli jarani jitfa' ħarstu fija,
U jibda jifraħ bija:
Donnu jistenna li sa nkellmu jien
Jekk drabi nkun imdejjaq
U nħares lejh;
Nistħajjel nilmaħ fuq xofftejh
L-oħla tbissima maċ-ċaqliq ta' idejh,
U nsir l-aktar ferħan fost kemm hawn ħlejjaq.
Min jaf kemm għaddejt żmien
Nitkellem miegħu
Kemm ġegħilni nistħi, kemm għafasli qalbi
Biċ-ċanfir tiegħu
— Ibni — kien iwissini
— Min ħadem lili taħt it-trab jinsab.
Għaddew snin kbar ma' ħini,
Għabu fix-xejn bħas-sħab.
Għadni żagħżugħ u b'saħħti
U xejn ma tlift mis-sura,
Ma ftakar, ibni, li kull pass li nagħti
Jien qatt ma nreġġgħu lura.
Jekk tridni nżommok
Ħabib tal-qalb, kif int dejjem żammejtni
Fil-ħsieb ferħan, fil-ħelu kliem ta' fommok
Kif mn'issa lura wrejtni,
La taħlix żmien
Tħallix għal għada dak li jista' jsir
Biex meta jiġi t-tmiem
Tħoss fil-ħelsien
Tar-rabta ta' dal-jiem
Dehnek imkabbar bħal ta' min hu kbir.
U żgħir, żagħżugħ u xiħ
Mingħajr mittiefes tkun raddejt id-dejn
U r-ruħ ħielsa tistrieħ
Fi twemmin għoli li ma għextx għalxejn.

## KORRISPONDENZA

# MALAPROPISMI FIL-MALTI

Prov. Eccles. Seminary,
Victoria — Australia.
11 ta' Awissu, 1955.

Sur Editur,

Nitolbok tagħdirni nwieġeb għall-ittra tas-Sur Cassola li dehret f'Il-Malti ta' Ġunju, 1954. Iddawwart daqshekk għax issa waslitli l-kopja f'idejja.

Proprjament, is-Sur Cassola ma weġibx għall-ittra tiegħi, ı qed nerġa' nikteb biex nikkorrieġi xi punti li m'humiex eżatti ʻa barra fit-tweġiba tal-korrispondent.

Is-Sur Cassola qal li dil-kustjoni għoddni għamiltha reliġjuża. U *għalhekk* ktibt għax m'aħniex qed inħaqqu fuq kelma ta' ˌeba' ittri, imma fuq it-tifsira tagħha, x'hemm warajha. Il-każ kien ikun mod ieħor li kieku qed niddiskutu jekk b'malapropismu l-Malti jgħidx "karboliku" jew "tattorku" jew "tattolku" flok "Kattoliku". Imma aħna m'aħniex qed nitħaddtu fuq dan. Qed nitkellmu fuq it-tifsir tal-kelma *Nisrani*. Li kieku *Nisrani* tfisser *Kristjan*, allura kien ikun malapropismu jekk wieħed jirriferixxi għal "non-Catholic" bħala "mhux Nisrani". U minn hawn hu ġej li l-korrispondent mhux eżatt għax ippresuppona li *Nisrani* tfisser *Kristjan* esklużivament.

Fl-ewwel ittra m'għidtx li "l-kelma *Nisrani* ma tfissirx *Kristjan* imma *Kattoliku*", iżda għidt li *Nisrani* tfisser *Kattoliku* ugwalment, fil-waqt li l-komprensjoni ta' *Nisrani* (jew *Kattoliku*) tinkludi wkoll l-idea ta' *Kristjan*. Naqbel mad-definizzjonijiet tad-dizzjunarju, biss f'dan il-kontest wieħed għandu jżomm f'rasu li qed nistmaw il-kelma fis-sens reliġjuż u mhux profan, jiġifieri fid-definizzjoni ta' "Catholic" hemm xi ħaġa nieqsa, viż. it-tifsira reliġjuża. Il-Knisja tissejjaħ Kattolika għax hi universali, m'għandniex x'ingħidu. Kulma rridu nagħmlu hu li ngħarblu sewwa t-tifsir reliġjuż tal-kelmiet *Kattoliku* u *Nisrani*, u naraw jekk jaqblux perfettament. Ma nqabbluhomx etimoloġikament biss, għax inkella nispiċċaw billi ngħdu li *Kattoliku* tfisser universali, u *Nisrani* wieħed imwieled Nazzaret, imma skond it-tifsir tagħhom tal-lum. Naħseb li t-tnejn naqblu li l-idea ta' *Kristjan* tinsab fiż-żewġ kelmiet, u li *Kattoliku* jfisser il-membru tal-vera Knisja. Issa, kif nafu li l-kelma *Nisrani* tfisser l-istess ħaġa, il-membru tal-Knisja li waqqaf Kristu, u

mhux sempliċement *Kristjan*? L-etimoloġija twassalna biss sa l-istess definizzjoni ta' *Kristjan*. Xejn iktar? U hawn bilfors ikollna nirrikorru lejn it-tradizzjoni tal-poplu. Il-Maltin x'fehmu dejjem li tfisser il-kelma *Nisrani*, sempliċi *Kristjan*, jew *Kattoliku* fis-sens sħiħ tal-kelma? Fl-ewwel ittra tiegħi wrejt li l-poplu jagħtiha s-sens ta' *Kattoliku*, u dan ilu jagħmlu tul dawn l-aħħar elfejn sena. Issa, aħna, f'nofs is-seklu għoxrin, xi dritt għandna ngħidu lill-poplu: "Skużi, il-kelma *Nisrani* il-kom mijiet ta' snin tagħtuha tifsir ħażin. Meta ser tifhmuha darba għal dejjem li *Nisrani* tfisser *Kristjan* u mhux *Kattoliku*? Aħna Nsara u l-Protestanti huma Nsara wkoll, u Luteru baqa' Nisrani sa l-aħħar!" Bl-ebda mod ma rrid ingħid li aħna għandna tifsir ħażin tal-kelma *Nisrani* u la ilna nifhmuha bekk għandna nħalluha sejra. Mhux dan l-argument. Il-Malti mill-bidu ta tifsir strett lill-kelma *Nisrani* kif strett kien is-sens ta' *Kristjan* sakemm deher tagħlim eretiku meta kellha tiġi misselfa kelma ġdida mill-Grieg kif fissirt qabel. Issa aħna nafu li missirijietna, billi ftit li xejn kienu influwenzati minn dak it-tagħlim qarrieq, żammew l-istess kelma tal-bidu, viz. *Nisrani*, bl-istess tifsir strett; u l-poplu m'ilux il-mijiet tas-snin li beda jisma' l-kelma ġdida ta' *Kattoliku*, u issa li draha f'ilsienu qed jagħtiha, bid-dritt kollu, l-istess tifsir ta' *Nisrani*. U aħna, il-mexxejja tiegħu, għandna nobduh, nobdu lill-poplu tagħna, għax f'din il-materja jifhem aktar minna.

U dan b'xi mod kont urejtu qabel, imma ridt infisser li jien wasalt għall-konklużjoni li *Nisrani* ma tfissirx sempliċement *Kristjan* imma *Kattoliku*, mhux biss għax il-kelma *Nisrani* bdiet tintuża meta l-Maltin bdew jemmnu fi Kristu, imma wkoll għax dik il-Knisja ta' Kristu, Nisranija, hi l-istess waħda li l-lum aħna l-Maltin insejħulha Kattolika. "Christianus", għall-kuntrarju, biddlet it-tifsir tagħha ftit wara Kristu. Imma *Nisrani* ma biddlitux għax ma kienx hemm għalfejn kif tixhed il-konvinzjoni tal-poplu. Dan hu l-argument fil-qosor.

Issa din il-kustjoni għandha importanza prattika. Jekk kittieb ser juża l-kelma *Nisrani*, x'tifsir ser jagħtiha, ta' *Kristjan* u xejn iktar, jew tifsir strett daqs *Kattoliku*? Il-korrispondent iżomm ma' ta' l-ewwel għax sostna, bla ma ipprova, li Nisrani tfisser Kristjan biss. Jiena nżomm ma' tat-tieni għar-raġunijiet li ġibt f'dawn iż-żewġ ittri. Xi ħadd, biex ma jintrabatx, jeħles mill-kontroversja billi juża *Kristjan* u *Kattoliku*, u l-kelma *Nis-*

*rani* ma jsemmiha xejn u jaħrabha kemm jista'. Kif sa nsalvaw din il-kelma għażiża ta' Nisrani? Għalxejn wieħed jikkwota lil dak jew lill-ieħor jekk ma jikkwotax ukoll ir-raġunijiet li għalihom iżomm ma' din u mhux ma' dik l-opinjoni.

Fil-waqt li nirringrazzjak, nitolbok,

Tgħoddni tiegħek,
ĠUŻI ABELA.

---

## ADDIO, MANWEL!...

*Ta'* NIKOL BIANCARDI

*Lil Manwel Bugeja, attur magħruf, nhar is-Serata d'Addio tiegħu fit-Teatru Manoel, qabel tluqu għall-Awstralja.*

Konna għadna tfal, Manwel, meta int u jiena
ħabbejna l-Arti ta' Novelli u sħabu.
Kien dat-Teatru xhud : hu li rabbiena.
Żminijiet sbieħ, jaħasra!, li l-lum għabu!......

Inti ma tixjieħ qatt! Fik mijiet sabu
artist padrun tal-ferħ, dwejjaq jew ħniena.
Miegħek il-Musi jibqgħu żgur jilagħbu
għax qalbek qalb żagħżugħa : qatt għajjiena.

U issa sa tħallina...... L-art misjuba
minn Captain Cook qiegħda tistenna lilek.
Addio, Manwel, minn dina l-art maħbuba.

La tinsa qatt iż-żmien li għaddejt magħna
biex aħna ma ninsewx il-ħelu għamilek :
ambaxxatur fidil ta' l-Arti tagħna!......

# HSIBIJIET

*Ta'* Emanuel Agius

Nafu biss li aħna hawn:
Mnejn ġejna u fejn sejrin,
U — l-ikbar, l-aqwa, l-ogħla —
Għalfejn hawnhekk qegħdin
Ma jafu ħadd. Iżda ħadd m'għandu jgerger
Għax din dinja sabiħa. Ftit li jafu
Xinhuwa l-ġmiel, imma kulħadd jitħenna
Bih, bla ma jaf il-għala. Tista' tgerger
Li kultant ħaġa tmur ħażin, jekk kollox
Minn barra minna hu tajjeb?
Jista' l-marid jilmenta
Mill-anestetku li ħolm ta' ġmiel iġiblu?
Aħna hawn għal xi ħaġa. Jekk ma nafux
Din il-ħaġa xinhija, b'danakollu
Hawn il-ġmiel tal-ħolqien madwarna.
Niftakru illi aħna,
M'għamilna xejn biex jistħoqqilna dana,
U, bħal ma aħna, stajna ma konniex.
Stajna sirna b'xi mod li kellna nimxu,
Skond il-ħsieb tal-Hallieq, bħal rsir, taħt frosta.
U, minflok, tana din id-dinja msaħħra,
Tana l-ilwien u l-għana, tana s-sensi
Li jħossu ħaġa nieqsa u jsibuha.
Stajna biex nieklu ma nħossux it-tieba
Imqar ta' ħobża fietla. Din tahilna.
Jekk, kif qal Hamlet, aħna dud jitkaxkar
Bejn is-sema w l-art, iżda aħna nafu
Illi s-sema miżgħud bil-kwiekeb jiddu,
Jew ikħal nir, bid-deheb tax-xemx imsebbaħ,
U din l-art fiha l-ward, l-ilwien, il-fwieħa,
U dan id-dudu li qiegħed jitkaxkar
Bejn is-sema u l-art, hu wisq ferħan
Li bejniethom jinstab. Mhuwiex il-qamħa
Li, bejn tal-mitħna l-ġebel, tiġi mfarrka,
Iżda xi ħaġa li tista' 'l fuq tħares,
U madwarha ddur, bil-ġmiel tithenna.

Għandna f'żogħżitna s-saħħa,
U fl-aqwa ta' ħajjithom, ħafna jsibu
F'xi maħluqa oħra, il-ħaġa li jixtiequ.
Jaraw xi par għajnejn, tbissima ħelwa;
Xi ħsieb huma t-tnejn jaqsmu,
U, wara, il-ħajja għalihom ma tkunx tqila,
Għax f'tal-ħolqien ikunu posthom sabu.
Nafu biss li aħna hawn. Dawk il-ħafna
Li moħħom ma jħabblux, m'għandhomx ħlief hena.
Oħrajn mhux hekk għax magħmulin mod ieħor.
Iżda tassew illi kull min iħares
Madwaru sewwa jekk kultant xi karba
Taħrablu minn xufftejh, b'dan kollu l-iżjed,
Jekk għandu ħsiebu ġust, li għandu jagħti
Hija kelma ta' ħajr.

---

**ERRATA-CORRIGE**

## QALB OMMU

F'dil-poeżija li dehret fl-aħħar ħarġa ta' "IL-MALTI", paġ. 23 isiru dawn it-tiswijiet :—

*Fl-ewwel strofa* : Hemm xi versi maqlubin (żball tal-kompożizzjoni). L-istrofa għandha tinqara hekk :—

Nasbitu b'ħażen kbir ta' mara kiefra,
Xenqitu b'ġmielha, u f'qalbha daħket bih;
Staħbiet għal żmien u xandret li hi msiefra
Biex tkompli tonsob dan l-għasfur sabiħ.

*Fl-aħħar strofa* : Traspożizzjoni ta' l-ewwel kelmtejn fl-aħħar vers. L-awtur, għalhekk, jixtieq li l-aħħar vers jinqara hekk skond l-oriġinal :—

Jaħasra! Ibni! Għidli, int weġġajt?!

# Reċensjonijiet

**"IT-TAHSIRA MEWWITIJA TAL-LSIEN MALTI". —** Minn Arthur Charles. pp. 30. — Jinbiegħ 1s. Mitbugħ fil-Progress Press Co. Ltd., Valletta, Malta.

Dan hu daqsxejn ta' ktieb li fih l-Awtur (Ingliż li kien żar lil Malta xi sbatax-il sena ilu) wera l-ħtieġa illi l-Lsien Malti jinsaffa minn kliem barrani u fil-kitba *jinqeda biss* bi kliem safi. Fuq din t-teorija, li bħala prinċipju narawha żbaljata, s'issa ntqal biżżejjed, u, għalkemm għad hemm xi kittieba membri tal-Għaqda stess illi baqgħu xi ftit u xejn marbutin ma' din it-teorija, li l-lum rabbiet l-għanqbut, bħal dik tal-*Cruscanti* fl-Italja u tal-*Puristi* fl-Ingilterra, qajla nsibu min qed jimxi fuqha. Il-Għaqda kienet l-ewwel waħda li malli nħolqot u twaqqfet fettxet li tneħħi minn moħħ l-għedewwa tagħha l-fehma illi hija kienet, fil-prinċipji propagandistċi tagħha, ta' din it-teorija— l-arma li biha l-għedewwa tagħha fettxew li jikkombattuha u jxejnuha. "X'inhuwa l-Malti Safi", l-ewwel taħdita li saret fl-1925 b'inizjattiva ta' l-istess Għaqda, hija xhieda tal-*professjoni ta' fidi* tagħha f'din il-kwistjoni ħarxa li l-Ingliżi jgħidulha *thorny question*. Il-Prof. Aquilina stess stqarr ukoll fl-istudji tiegħu għal idejn l-istudenti l-fehmiet tiegħu fuq hekk fejn wara l-ħsara tal-kitba safja safja kontra s-sengħa tal-kitba letterarja Maltija (ara *L-Ilsien Malti*, pp. 9-12 (1945) u *Maltese and the Science of Language* pp. 13-14 (1949) tal-Prof. J. Aquilina).

Għalkemm l-Awtur jistqarr fil-bidu nett illi: "Kull ilsien mitħaddet għandu dejjem jinbidel biex jibqa' ħaj", dan il-prinċipju jidher illi huwa jitbiegħed minnu mhux ftit u jispiċċa biex iwarrbu għalkollox fil-*Malti safi u aħrax* tiegħu u fl-eżempji (li hu jsejħilhom bil-kelma ekwivoka ta' *tixbihat*). Kliem bħalma huma: *tebbieħa, matbaħ, tamar iż-żibda, thed-dem, fnejdaq, maħbar* flok *koka, kċina, tordna l-butir, issajjar fuq nar bati, ħanut*, huma espressjonijiet fossilizzati ta' konn Għarbi li l-lum ma nsibuhomx f'ilsienna u li bilkemm ta' min jesponihom fil-Mużew tal-Lsien Malti, aħseb u ara fis-suq tal-Malti tal-lum, fejn il-kaless u l-kabozza ilu li għadda żmienhom. ...

Dan l-esperiment ta' l-Awtur jidher li għandu minn dak l-ieħor ta' l-awtur ta' wieħed mill-ewwel kotba għall-Qari Malti fl-Iskejjel Primarji, ktieb li kien mimli bi kliem arabizzat u li fl-aħħar kellu jitneħħa minn idejn it-tfal bħala ktieb li iktar igħarraq milli jdawwal moħħ it-tifel fit-tagħlim tal-lsien Malti. Dan kien xi mija u sittax-il sena ilu. Din il-marda tal-puriżmu, jisgħobbina ngħidu, ħakmet mhux ftit il-moħħ ta' nies barranin li meta studjaw il-Malti deħrilhom li għandhom isaffuh minn dak il-kliem barrani li għalihom kien qed ikasbar is-sbuħija tal-Malti. Dnub li l-ħeġġa żejda ġagħlithom jaqbdu triq ħażina fis-sengħa tal-kitba Maltija meta huma mlew moħħhom b'vokabolarju ta' kliem imsaddad u b'neoloġiżmi fuq mudell ħażin, u ċirkullokazzjonijiet li jtellfu s-sens flok ma jiċċarawh.

L-Awtur jagħlaq il-ktejjeb tiegħu billi jsemmi xi kittieba Maltin u li l-kotba tagħhom, kif igħid hu, huma miktubin b'Malti safi, imma li fihom, għalkemm, hemm xi kliem barrani li *jdennes* is-safa tal-Malti tagħhom. Mit-tinqija ta' kliem li għamel fihom jidher li l-Awtur f'dil-ħaġa, bħalma

fissirna qabel, barra min-nuqqas ta' sens ta' proporzjon fil-għażla tal-kliem, għandu nuqqas ieħor, bħalma forsi fostna l-Maltin hemm min issiblu l-istess difett fil-kitba Ingliża tiegħu, u dan hu li bħala Ingliż għad m'għandux widna mħarrġa biżżejjed fil-lingwaġġ idjomatiku Malti, u għalhekk qalja għad jista' japprezza s-sengħa tal-kitba Maltija, kif ukoll dak li fl-aħħar hu mfisser mill-Prof. Saydon fil-ktejjeb ta' *Tifsir il-Kliem* fit-traduzzjoni tal-Kotba Mqaddsa, li l-Awtur semma biex iwetteq it-teorija tiegħu.

Aħna, madankollu, ngħożżu bil-qalb kollha l-ħeġġa u sinċerità ta' l-Awtur fl-istudji tiegħu tal-Malti u neħdulu b'idejh għal din il-biċċa xogħol tiegħu li fiha wera r-rieda qawwija u s-setgħa ta' moħħu biex tgħallem jikteb il-Malti b'mod li sebaq lil dawk il-ftit barranin li rnexxielhom jitgħallmuh u jiktbuh, għaliex fil-kitba Maltija tiegħu, bil-puriżmu kollu li fiha, naraw li huwa għaleb bosta mid-diffikultajiet li barranin oħra bħalu sabu biex jiktbu sentenza l-iżjed sempliċi, fil-waqt li hu kellu l-ħila li jittratta suġġett hekk imwiegħer, bi tletin faċċata. Fil-waqt li nittamaw li l-Awtur 'il quddiem ikun tħarreġ biżżejjed fil-frażjoloġija idjomatika Maltija, nixtiqulu kull riżq għall-pinna tiegħu meta jiġi biex għal darba ikun ta' għajnuna għall-progress tal-Letteratura Maltija.

* * *

## "CANTI SULLA PASSIONE NELLE ISOLE MALTESI".

— G. Cassar Pullicino. Estratto da "Lares". Roma. Anno XX. Fasc. III-IV. Luglio-Dicembre 1954. pp. 138-158. Firenze. Leo S. Olschi. Editore.

Ġ. Cassar Pullicino, wieħed mill-eqdem membri tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* fost sħabu ta' l-istudji universitarji, huwa l-lum magħruf għall-istudji li għamel u xogħlijiet li kiteb dwar il-Folkore Malti, kif ukoll dwar xi riċerki storiċi. Din ix-xejra għal dawn l-studji tista' tgħid bdiet tidher fih minn fuq il-bankijiet tal-Liċeo (klassi ta' filgħaxija) meta s-surmast tal-Malti kien għażillu għall-stampa fil-ġurnal "Leħen il-Malti", studju miktub minnu dwar id-*Drawwiet Maltin* f'konkors fost l-istudenti tal-klassi tiegħu. Minn dak iż-żmien il-ħeġġa u s-sabar għal dawn l-istudji baqgħu maż-żmien jikbru fih b'mod li l-lum waqqaf isem, li fost il-ftit li kellna u li għandna, studjużi tal-Folklore, għandu ċertu valur li jagħżlu għalih għal dak li hu volum u varjetà ta' suġġetti fil-kamp folkloristiku Malti.

Din il-kontribuzzjoni ta' l-aħħar hija estratt minn "Lares", organu tas-*Società di Etnografia Italiana*, xogħol li ma jagħmilx għajb lil xogħlijiet oħra li kien kiteb u ippubblika fl-istess organu, fix-*Scientia*, f'*Leħen il-Malti* u f'xi rivisti oħra fosthom ir-*Rivista delle Scienze Mediche e Naturali* u 'l hawn u 'l hinn fis-*Sunday Times of Malta*.

Cassar Pullicino, fil-ġabra ta' tradizzjonijiet Maltin, mhux biss fela kemm-il rokna ta' l-arkivji u libreriji, iżda, (ħaġa li ftit s'issa kellhom is-sabar jagħmluha), fittex li jieħu u jiġbor minn fomm ix-xjuħ fl-irħula tal-gżejjer ta' Malta u Għawdex it-tifkirijiet ta' drawwiet u għana Malti, li Patri Magri u studjużi oħra ma kienx irnexxielhom jiġbru jew ma laħqux ġabru, u b'hekk mela vojt kbir f'dak li hu leġġenda, superstizzjonijiet u għana profan u reliġjuż.

Din il-pubblikazzjoni hija waħda minn dawk li fihom l-Awtur wera ċerta ħila ta' studju komparattiv, bejn il-għanjiet, talbiet u vrejjes Maltin fuq il-Passjoni u dawk ta' xi postijiet ta' l-Italja, ta' Sqallija u, saħansitra, ta' Spanja, li magħhom kellna rabtiet ta' idejiet, twemmin u superstizzjonijiet reliġjużi miż-Żminijiet tan-Nofs sa għeluq is-seklu Tmintax. Fit-tgħarbil ta' għanjiet u talbiet, f'għamla ta' vrejjes, l-iktar motivi li jirkaċċaw fihom huma: (i) il-firda ta' Gesù minn Ommu Marija, (ii) is-sakrifiċċju tal-Bniedem-Alla, (iii) id-dulur tal-Madonna, (iv) it-teħbir tal-Passjoni u mewt ta' Binha, (v) u t-talb tal-Madonna lil Binha Gesù favur il-midinbin, fejn il-Madonna hija dejjem l-aqwa karattru fin-nisġa tal-għana fid-dramm tal-Passjoni. Fix-xeni li fihom il-Madonna hija msejħa *Reġina tad-Duluri*, *Reġina tal-Martri*, *Omm tad-Duluri* u fuq kollox *Omm tal-Ħniena* hemm issaltan il-figura tal-Madonna li tħares lejn Binha ċ-Ċkejken, toħlom u teħber is-Seba' Duluri tagħha, minn mindu lil Binha Kristu jagħtuh bil-ħartiet u jlibbsuh bil-kuruna tax-xewk sakemm iniżżluh mis-salib u tarah fi ħdanha bħal meta kien tarbija f'ħoġorha: il-Madonna taħt is-Salib, il-Madonna sejra wara Binha l-mejjet, u tarah jidfnuh u minn ħaddejha niżlin id-dmugħ siekta tan-niket.

L-istudju komparattiv bejn il-għanjiet jew talbiet Maltin fi vrejjes u oħrajn ta' pajjiżi oħra fl-Italja, fi Sqallija u fi Spanja huwa magħmul b'sens kritiku l-aktar fin; insemmu fost dawn in-*Ninna Nanna Maltija (Orqod, Ibni, orqod)*, *Il-Brajbu* u dik tas-*Seba' Duluri* mqabblin ma' xi versi ta' *Il Sogno di Maria* (Toschi, Umbria, Seklu XII); dik tad-djalogu tal-Madonna (Passione Malta II) mal-ħajjat, ħaddied u mastrudaxxa, b'idejiet u versi li jaqblu f'oħrajn fl-Umbrja, u f'Abruzzo; targa' l-għanja tal-*Brajbu* jew *Trajbu* (San Lawrenz, Għawdex) li taqbel f'xi versjonijiet mal-versi ta' Toschi fil-*Passione* (Italia Centrale IV) u l-*Lauda del Anticristo e del Giudizio Finale* li fihom insibu l-formula li taqbel ma' l-aħħar versi tal-*Brajbu* li wiegħdu l-mewt it-tajba għal min igħid din it-talba tliet darbiet kuljum (imqabblin ukoll ma' oħrajn imsemmijin f'poemetti taljani tas-sekli xiii u xiv, f'xi talbiet tal-Ġimgħa l-Kbira, eċċ.).

Fl-aħħarnett, l-Awtur, wara li jagħti xi ħjiel tal-forma metrika b'sillabi mħallta li jitbiegħdu minn dawk tar-ritmu tradizzjonali b'sengħa xi mindaqqiet ta' xi id imħarrġa, josserva li fuq kollox il-versi ta' dawn l-għanjiet jixhdu l-qedem tagħhom fl-espressjonijiet safja, neħħi xi kliem 'l hawn u 'l hinn ta' timbru Sqalli-Taljan. Ix-xebh tagħhom ma' dawk tal-postijiet ta' l-Italja ta' Fuq jorbot, kif jaħseb hu, mal-mawra f'Malta ta' nies minn Celano (belt f'Abruzzo) fis-seklu Tlittax li baqgħu jgħammru hawn Malta wara li tkeċċew minn pajjiżhom minn Federiku Tnejn, jew iktar ma' l-emigrazzjoni minn Malta ta' xjuħ u tfal fi Sqallija, fl-ewwel żminijiet ta' l-Ordni fl-aqwa inkursjonijiet ta' l-Ibirba meta dawn in-nies xjuħ u tfal, reġgħu lejn Malta, jew, kif jaħseb iktarx l-Awtur, mal-mawra ta' xi nies tal-kleru fi Sqallija fejn dawn marru jistudjaw u li meta ġew lura għallmu lill-poplu dawn il-għanjiet taħt forma ta' talbiet bil-Mati, u li għalhekk bċejjeċ mill-versi tagħhom għandhom kultant u xi ftit ix-xeħta letterarja.

Bħalma żied igħid l-Awtur, dawn it-talbiet l-iktar li xxerrdu minn fomm in-nisa—is-sess ta' għadiet reliġjużi fit-torbija ta' wliedhom.

L-iktar fost il-għanjiet jew talbiet li għalina tixhed l-eqdem forma f'dik li hija espressjonijiet u kostruzzjoni hija t-talba msemmija *It-Trajbu*.

a. c.

**"RHYME AND RHYTHM FOR CHILDREN"** — By Reginard Vella Tomlin. Empire Press. Valletta, Malta, 1955. Paġ. 24.

Ktieb ieħor tas-Surmast Reginald Vella Tomlin jismu "Rhyme and Rhythm". Din hi ġabra ta' poeżiji Ingliżi ħfief, ħelwin, armonjużi u adattati biex wieħed jitgħallimhom bl-amment, miktubin l-aktar għat-tfal biex jitgħallmuhom malajr u jkantawhom waqt il-logħob u r-raġġar tagħhom għax kif kiteb fl-introduzzjoni l-awtur innifsu "Dear Children...... I have written these four short poems with you all in the back of my mind".

Dawn il-poeżiji jingħoġbu wkoll lill-kbar għax bosta minnhom jiġbru idea predominanti, inġenjuża u imponenti. Madankollu lis-Sur Vella Tomlin konna diġà nafuh bħala kittieb ta' poeżiji bl-Ingliż ta' min jaqrahom. Dan l-aħħar xi poeżiji tiegħu kienu magħżulin biex jidhru f'ġabra ta' poeżiji Ingliżi ippubblikati fi ktieb "Collected Poems and Prose", li ħareġ mid-Ditta Arthur H. Stokwell Ltd., Devon, 1954.

Il-qari u r-reċitar ta' dawn il-poeżiji jiswa lit-tfal bħala mezz ta' tagħlim għax idarrihom fil-pronunzja Ingliża u jħarriġhom f'dak l-ilsien.

L-awtur ħaqqu prosit u tifħir għal din il-biċċa xogħol tiegħu.

G.

**"MISSIER MARTRI"**. — Ta' Reginald Vella Tomlin. — Lux Press, Malta, 1954. Paġ. 32.

Dan hu l-ewwel xogħol drammatiku tal-kittieb żagħżugħ is-Sur Reginald Vella Tomlin u fl-istess ħin hu esperiment fil-letteratura Maltija għax jiftaħ triq ġdida lejn il-palk Malti. Dan huwa dramm ta' stil klassiku Grieg li fih l-azzjoni hi nieqsa daqs kemm hi żejda d-deklamazzjoni u jimpressjona iżjed bir-rakkontar fuq l-atturi ewlenin milli bir-reċitar tagħhom.

Il-lum aħna mdorrijin b'sistemi oħra, sistemi li jolqtu s-sensi aktar milli jqanqlu l-ħsieb u għalhekk l-istil klassiku mfassal eluf ta' snin ilu minn Saffo, Sofokli u Euripide l-lum għadda żmienu u issa qajla jinkiteb, wisq anqas jidher fuq il-palk.

L-awtur min-naħa tiegħu ħabrek biex ifassal biċċa xogħol li tkun tixraq lid-dinjità tal-klassiċiżmu Grieg; hu jidher li studja u għamel mill-aħjar biex jitħarreġ fl-irqaqat tat-teknika u tal-forma klassika. Kiteb versi sbieħ, mimlijin ħeġġa u ħajja, b'ritmu u kadenza skond ma jitolbu s-sengħa u ċ-ċirkustanzi tad-dramm. Xi wħud mill-versi jogħlew fi ħsebijiet u idejiet ta' għerf u għaqal. Dawn il-versi li ġejjin fihom riflessjonijiet filosofiċi ta' l-akbar serjetà:

*X'tiswa qalb bla jies!*
*Tintelaq b'riħet toqol it-tislib;*
*jitqalleb ħsieb imtajjar fuq ħtijiet.*
*Fittex lir-raġel jidħak waqt id-dija;*
*Ruħ daħkanija qatt ma stkerrħet għawġ.*

Il-lum li *strike* huwa magħruf bħala jedd tal-ħaddiem, imma dan il-jedd jeħtieġ li jintuża bil-għaqal u bil-ħsieb. Patri Paul ifisser bi kliem ċar u b'raġunijiet sodi l-manjeri kif għandhom jirrikorru għal dan id-dritt. Hu jispjega kif li *strike* hu marbut man-natura tax-xogħol għax kif qal hu "li *strike* ma kienx ikun meħtieġ kieku l-bniedem ma kienx jinħtieġ ix-xogħol".

Xogħol bħal dan jiswa mitqlu deheb biex igħallem lil kull min hu interessat fil-laboriżmu u jalla jidhru xogħlijiet oħra bħalu.

G.

**"G.A. VASSALLO, IL-POETA TAS-SAFAR".** — Ta' G. Cassar Pullicino. — Stamperija tad-Dar ta' S. Ġużepp, Hamrun, 1955. Paġ. 16.

F'dan l-istudju, is-Sur G. Cassar Pullicino tana dawl fuq xejra ftit magħrufa tal-lirika ta' wieħed mill-ewlenin poeti Maltin. Ġananton Vassallo kien bniedem għaref u patrijott, wieħed mill-ftit li fil-bidu tas-seklu li għadda għaraf il-fejda ta' l-ilsien Malti bħala mezz ta' espressjoni nazzjonali. Huwa kiteb xogħlijiet kbar bil-Malti u bit-Taljan, imma l-lum l-aktar li jissemma bħala poeta Malti. L-epika tiegħu "Il-Ġifen Tork" u poeżiji oħra żgħar bħal "Tifkira lil Malta" u "Iż-Żgħużija", il-lum saru klassiċi u dlonk jidħlu fl-antoloġiji Maltin.

Il-poeżiji ta' Vassallo huma mera tal-ħajja ta' żmienu; ħajja reliġjuża, rżina u paċifika, fihom wieħed jilmaħ il-faraġ tal-għani u l-ħidma tal-fqir. F'dan l-istudju s-Sur Cassar Pullicino juri kif il-poeta Vassallo għaraf jesprimi bil-poeżiji tiegħu s-sentiment ta' dwejjaq u qtigħ il-qalb u l-imrar tal-firda ta' bosta nies li ħtija tal-għaks ħtiġilhom isiefru minn art twelidhom; iżda jiena nara motiv ieħor f'dawn il-poeżiji ta' Vassallo fuq is-safar. Il-lum nafu li Vassallo kien ibati b'dik li nsejħulha nevrastenija u nafu wkoll li f'żgħożitu kien sab ruħu fl-Eġittu mnejn kellu jiġi lura f'qasir żmien minħabba n-nostalġija li qabditu. Jista' jkun li n-nostalġija tnisslet mill-istat mentali tiegħu u baqgħet taħkem fuq il-fantażija tiegħu għal bosta snin u dik il-fantażija fertili tal-Vassallo mqanqla mill-istat nostalġiku nebbħet dawn il-versi tristi tiegħu li jmissu l-qalb.

Mill-bqija s-Sur Cassar Pullicino ħaqqu kull tifħir u inkoraġġiment biex jissokta f'din il-ħidma ta' tiftix li qabad, ħidma li dejjem titfa dawl ġdid fuq ġrajja u fuq persunaġġi Maltin.

G.

**"L-IMMAKULATA FIL-ĦSIEB TAT-TRINITA' MQADDSA".** — Ta' Patri Bonaventura M. Camilleri, O.F.M.C., S.Th.D. — St. Anthony Press, Malta, 1954. Paġ. 20.

Is-sena li għaddiet, is-Sena Marjana, saru ħafna akkademji, intqalu bosta diskorsi u nkitbu xogħlijiet fuq il-Madonna. Dan id-diskors ta' Patri Bonaventura Camilleri hu fost l-aħjar li saru f'dik l-okkażjoni.

L-awtur jidher li hejja dan id-diskors tiegħu wara li għamel studji serji u riċerki profondi fil-kotba mqaddsa u fl-opri tas-Santi Padri; difatti l-aħħar żewġ paġni fihom lista imponenti ta' riferenzi.

Il-għażla tas-suġġett ma tidherx f'lokha. Ġrajja u episodji komuni fil-ħajja moderna ma tantx toqogħdilhom tajjeb il-libsa tqila ta' tfassila klassika. Tistona wkoll l-imġiba tal-persunaġġ prinċipali li skond ir-regula klassika għandhom iġibu ruħhom ta' eroj jew iwettqu ħidmiet tal-għaġeb. Madankollu l-awtur ħaqqu tifħir għall-ħila li wera meta ndaħal għal biċċa xogħol ta' għamla li tbażża' minħabba t-toqol tagħha.

G.

**"MITTEILUNGEN"** — Organu ta' l-"Institut Für Auslandsbeziehungen" (Istitut għar-Relazzjonijiet bejn il-Pajjiżi Barranin).

Irċevejna numru speċjali tal-perjodiku "Mitteilungen", li hu l-orkanu ta' l-"Institut Für Auslandrbezeihungen" (Istitut għar-Relazzjonijiet bejn il-Pajjiżi Barranin). Dan l-Istitut li għandu s-sede tiegħu fi Stuttgart, Ġermanja, hu mwaqqaf bi skop li jsaħħaħ ir-rabta kulturali u soċjali bejn in-nazzjonijiet; għax l-idea hi li meta l-pajjiżi u n-nies isiru jafu aktar lil xulxin il-ħbiberija ta' bejniethom tikber u tiżdied.

Dan il-perjodiku hu wieħed mill-ftit ippubblikati fid-dinja għal dan l-iskop u l-ewwel wieħed fil-Ġermanja. F'dan in-numru speċjali nsibu msemmija u deskritti disa' mitt perjodiku letterarji u kulturali li joħorġu regolarment fi tnejn u sebgħin pajjiż.

"Il-Malti" tagħna hu msemmi bħala l-organu tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", u hu mniżżel fost l-aħjar perjodiċi letterarji tad-dinja. Tant hu hekk li lill-perjodiku tagħna tawh spazju mhux ftit u semmew fil-wisa' l-kwalitajiet tiegħu. Ġiebu s-sehem li ħa "Il-Malti" biex twaqqfet u ġiet adottata uffiċjalment ortografija xjentifika f'Malta, u semmew l-istudji fuq l-etimoloġija u l-ortografija ta' Ninu Cremona li spiss jidhru fil-perjodiku tagħna; kitbu wkoll: "Hu ("Il-Malti") fih ukoll artikoli ta' interess ġenerali u storiku barra minn poeżiji u novelli li spiss jidhru f'dan il-perjodiku. li jippubblika wkoll reċensjonijiet serji dwar xogħlijiet letterarji Maltin kontemporanji". Tissemma wkoll is-sensiela ta' drammi li dan l-aħħar kienu dehru bħala appendiċi fil-perjodiku tagħna.

Bis-saħħa ta' dan it-tagħrif fil-"Mitteilungen", il-perjodiku tagħna jingħaraf aktar mill-għaqdiet kulturali tad-dinja u jsaħħaħ ismu bħala wieħed mill-perjodiċi letterarji tad-dinja.

**"STRIKES U LOCK-OUTS".** — Ta' P. Pawl G. Galea, S.Th.Lect. & Lic., O.P. — Kummissjoni Studji Soċjali, Nru. 1, 1955. Paġ. 26.

Din hi l-ewwel pubblikazzjoni tal-"Kummissjoni Studji Soċjali", li qiegħda tistħarreġ dwar il-kondizzjoni tal-ħajja moderna, il-kwistjonijiet soċjali u d-drittijiet tal-ħaddiem u ta' min iħaddem.

Kien ħsieb tajjeb tal-Kummissjoni li tagħżel lil Patri Pawl Galea li jikteb dan l-ewwel xogħol li ħareġ taħt isimha. Patri Pawl huwa magħruf bħala kittieb tajjeb u bħala studjuż tal-kwistjonijiet soċjali. Hu għandu bosta pubblikazzjonijiet fuq dan is-suġġett u dan l-aħħar ktieb tiegħu jżid ikompli jsaħħaħ l-awtorità tiegħu bħala espert.

Haġa tassew oriġinali u interessanti hi d-daħla ta' din l-opra fejn l-awtur, b'idea wisq ġenjali, jistħajjel lit-Tliet Persuni tas-SS.ma Trinità mlaqqgħin bejniethom "flimkien miġbura bħala f'konferenza, fl-ewwel konferenza li qatt saret, u suġġett ta' din il-konferenza Tagħhom huwa misteru, misteru ta' sbuħija u ta' tjubija bla tarf: l-Inkarnazzjoni". Kull wieħed mit-Tliet Persuni jgħid fehemtu fuq il-"Mara Singulari" li kellha tkun minn dejjem sa dejjem il-għaġeb tal-ħolqien u l-misteru sublimi li jgħaxxaq ir-ruħ u jhenni moħħ il-bniedem.

Fil-konferenza ċelesti tidher ukoll Marija li titkellem dwar il-grazzji speċjali li bihom sa mill-eternità Hi kienet mogħnija.

Il-qarrej li jibda dan il-ktejjeb għandu jħoss ruħu assorbit u immeraviljat bl-immaġinazzjoni qawwija ta' l-awtur u bl-oriġinalità tat-trattazzjoni tas-suġġett. L-istil tal-ktieba hu għoli u rżin kif jixraq imma mhux mgħabbar bi kliem tqil u iebes; barra dan għoġbuna s-similitudini ċari u l-kwotazzjonijiet adattati u fuq kollox il-manjera kif is-suġġett hu spjegat kumpatt, bla digressjoni, bla ripetizzjoni u bla taħbil.

Din il-biċċa xogħol inqisuha bħala ġawhra letterarja li toqgħod tajjeb ħafna fil-kuruna tal-ġieh mogħtija lil Marija Santissima fis-sena Tagħha. G.

## MEHTIEĠA KOPJI TA' "IL-MALTI"

Is-Sinjorina Karmen Mikallef Buħaġar ta' Lixandra tixtieq takkwista, bi ħlas, dawn il-Kopji tar-Rivista "IL-MALTI" li jonqsuha biex il-ġabra tagħha tkun kompluta.

Min jista' joffrilha xi wieħed minnhom, jew kollox, tkunlu obbligata u rikonoxxenti u jista' jibgħathom għand is-Sur Ivo Muscat-Azzopardi P.L., 47, Triq id-Dejqa, Valletta.

1925 : Marzu, Ġunju, Settembru, Diċembru.
1926 : Marzu, Settembru.
1927 : Marzu, Ġunju, Settembru.
1930 : Marzu, Ġunju.
1932 : Marzu.
1942 : Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru.
1943 : Marzu, Settembru.

## GĦAŻŻ

Mhux biss għażżien dak il-bniedem li ma jagħmel xejn, imma għażżien ukoll dak il-bniedem li jista' jaħdem f'xogħol aħjar.

SOCRATES.

PREZZ: 1s.